MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 435/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**
**Vs**
**Olaf Cini**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-31 ta’ Marzu 1999, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, u cioe’ lis-Surgent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, u cioe attentat vjolenti ghall-pudur, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti, liema akkuza falza kienet ta’ delitt, suggett ghal piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, matul il-perijodu ta’ bejn l-14 ta’ Marzu 1999, u x-xahar ta’ wara din id-data, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd

u cioe tas-Surgent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, liema ingurja saret b'kitba, b'figuri, jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta' Marzu 1999, bil-qerq halaq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, u cioe s-Surgent tal-Pulizija 94 Mario Camenzuli bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta' Marzu 1999, iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq, halaq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Illi huwa akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data u cirkostanzi, sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati mill-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2009, li biha, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza ta' malafama, stante nuqqas ta' kwerela da parti ta' Mario Camenzuli, li minnha lliberatu, mhux hati tat-tielet u r-raba' akkuza stante li dawn l-akkuzi gew irtirati mill-Avukat Generali, hati tal-hames akkuza, w wara li rat l-artikoli 101(1)(b), 109, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu ghal disgha (9) xhur prigunerija w ordnat l-interdizzjoni generali ta' l-appellant ghal perjodu ta' hames snin, inkluz interdizzjoni li l-appellant iservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja w bhala perit f'kull kaz li jkun.
Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-appellant, is-serjeta' ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabitu mhux hati tat-tieni akkuza, t-tielet akkuza w ir-raba' akkuza w lliberatu minnhom, filwaqt li thassaraha w tirrevokaha inkwantu din sabitu hati ta' l-ewwel akkuza w il-hames akkuza w tehilsu u tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-konkluzzjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti li ghazlet li temmen il-verzjoni lit a l-allegat vittma Mario Camenzuli u accettat id-depozizzjoni kollha tieghu minkejja li kien evidenti illi kien hemm xi gideb sfaccat f'din il-verzjoni, li hargu mid-depozizzjonijiet li taw xhieda ohrajn. Ghalkemm b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti. Hija nnotat dawn il-gideb fis-sentenza taghha w ben tajjeb osservat illi dawn il-fatti kif poggihom Mario Camenzuli di fatti ma jaqblux mal-fatti dokumentati, fil-fehma ta' l-appellant l-istess Qorti ma tathomx l-importanza li jisthoqilhom izda kemm biss indikathom. Dawn il-fatti huma importanti hafna w dan peress illi jitfghu dubju fuq ix-xhieda ta' l-ex Surgent tal-Pulizija Mario Camenzuli.

2. Illi t-tieni aggravju isegwi u jirrigwarda l-apprezzament ta' provi. Ghalkemm b'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti huwa car li din innotat dak kollu li qalu x-xhieda kollha li xehdu quddiemha fil-fehma ta' l-appellant ma wiznitx kull ma qalu dawn ix-xhieda b'mod lit kun konvinta li l-kaz gie ppruvat bla ebda dubju dettat mir-raguni. Omm l-akkuzat li xehdet bhala xhud in difeza irrakkontat dak li sehh qabel ma saret is-safra ghal Ginevra. Dak li xehdet din ix-xhud Elvira Cini jitfa' dawl fuq l-attegjament ta' Mario Camenzuli u jikkorrobora dak li xehed u dejjem sostna l-akkuzat.

3. It-tielet aggravju jirrigwarda l-fatt illi anke kieku kellha din il-Qorti taqbel mad-decizjoni ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti setghet tapplika piena alternattiva ghal prigunerija w cioe' fic-cirkostanzi setghet tapplika l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u b'hekk taghtih ordni ta' probation. In vista ta' dan u tal-fatt li l-appellant ghal dawn l-ahhar sentejn ghandu impieg stabbli, l-piena ta' prigunerija inflitta fuqu aktar hemm cans lit kun ta' dannu milli ta' gid u tista' anke tkun il-kagun tat-telfien ta' l-impjieg tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi dana huwa appell dwar l-apprezzament tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, liema Qorti li rrimarkat illi kien hemm dubju w anki xi gideb minn xi xhieda pero' tat aktar piz lil xhieda li gabet il-prosekuzzjoni w warbet dak tad-difiza.

Jekk l-Ewwel Qorti kellha dubju allura dana kellu jmur favur l-appellant u mhux kontra tieghu.

L-abbli Avukat tal-appellant fil-waqt illi rrikonoxxiet illi stante n-natura ta' dawn ir-reati w ir-recidiva ma setghetx tigi applikata s-sentenza sospiza, dejjem setghet tapplika r-regolamenti tal-artikolu 7 tal-Kap. 446. Spjegat ukoll illi l-appellant ilu sentejn f'impjieg stabbli w l-piena ta' habs kienet tkun detrimentali ghalih.

Ikkunsidrat :

Huwa ben not li x-xiehda ta' persuna wahda, jekk emnuta, tista' tkun bizzejjed sabiex il-Qorti ssib htija.

Din il-Qorti fliet l-atti tal-process specjalment is-sentenza tal-Ewwel Qorti w tasal ghall-konkluzjoni illi l-Ewwel Qorti ma bbazatx id-decizjoni taghha fuq xiehda ta' persuna wahda, izda rat l-assjem tal-provi kollha inkluz ix-xiehda tal-akkuzat sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha.

Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ghal dak illi qalet l-Ewwel Qorti fejn, iddikjarat il-verzjoni tal-imputat bhala

wahda mhux kredibbli, in vero simili u li m'ghandhix mis-sewwa a tenur tal-artikolu 639 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni meta kellha lill-imputat quddiemha jaghti x-xiehda tieghu w setghet tqis, mhux biss ix-xiehda imma anki l-komportament tieghu, bhal ma qieset il-komportament tal-persuni l-ohra illi taw xiehda f'dawn l-atti.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti qieset u kkunsidrat ix-xhieda kollha kif is-sentenza ben tindika.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-parametri tal-Ligi gew osservati bhal ma gie osservat il-principju tal-gustizzja naturali fejn l-Ewwel Qorti tat kull opportunita' lill-appellant u lid-difiza sabiex iressqu l-kaz taghha minghajr xkiel la fl-ispazju u lanqas fiz-zmien.  Dana wassal biex l-Ewwel Qorti tat sentenza elaborata w motivata sew, fejn ma jithalla l-ebda dubju dwar l-argumenti li wassluha ghall-konkluzjoni taghha.

L-Ewwel Qorti kellha kull ragun illi tiskarta r-regolamenti tal-Kap. 446 u la ma setghetx tapplika sentenza sospiza ghamlet sew illi tat sentenza ta' prigunerija effettiva ladarba kienet fil-parametri tal-Ligi.  Fuq dan ma hemmx diskussjoni.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti, liema provi ma jigux disturbati jekk jirrizulta li setghu ragjonevolment u legalment jinghataw fl-isfond tal-provi illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha.

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 t'April, 1995 il-Qorti qalet *"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti*

*jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.*

*Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha".*

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit u ssib illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi tasal ghaliha w ghalhekk mhux il-kaz illi l-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti jigi disturbat jew mibdul b'apprezzament iehor ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------